KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

## MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa

# IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 03

**Il-Ħamis 29 ta' Awwissu 2024**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fit-*Town Centre*, Triq ir-Reġimenti Maltin, l-Imtarfa fis-6:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dale Hayman – Sindku
Len Abela Vassallo – Viċi Sindku
Anton Mifsud – Kunsillier
Simon Fenech – Kunsillier
Antoine Vella – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 03.1 Qari tal-Apoloġiji

03.1.1 Is-SE infurmat li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 03.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

03.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) preżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

03.2.2 Fuq proposta tal-Kunsillier Vella, f'paragrafu 02.8.4, kien hemm qbil li jiddaħħlu l-kliem 'Kien hemm qbil ukoll li l-bypass għandha tinfetaħ immedjatament wara t-tellieqa tas-Sibt' bejn it-tieni u t-tielet sentenza.

03.2.3 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien is-6:08pm.

03.2.4 Il-minuti tas-seduta numru 02 ġew approvati b'mod unanimu u ġew ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

### 03.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku

03.3.1 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu attendew għal laqgħa mas-CEO ta' IM dwar il-proġett tal-eks barracks u fost oħrajn issemmiet il-wegħda li kien għamel is-CEO preċedenti f'Jannar li għadda, li jgħin lill-Kunsill billi jagħmel tajjeb għall-ħsarat li saru mill-kuntrattur ta' IM fuq is-sistema tad-dawl tal-eks barracks.

03.3.2 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu attendew għal laqgħa oħra, mas-CEO ta' Project Green dwar il-proġett ta' bejn l-eks barracks u spjegawlu li jista' jkun li l-Kunsill se jkollu diffikultà biex jagħmel tajjeb għall-ammont kollu dovut minnu. Min-naħa ta' PG, dawn kienu infurmaw li meta jasal il-waqt, huma setgħu jaraw kif jgħinu aktar lill-Kunsill biex jitħallsu l-kontijiet kollha dovuti. Kienet saret ukoll diskussjoni dwar il-possibbiltà li jiġi estiż il-bosk u dwar iż-żona ta' quddiem il-Gym tad-Depiro. Dwar dan tal-aħħar, huma kienu talbu lill-Kunsill biex jiddiskutu ma' IM sabiex il-proġett isir bejn iż-żewġ entitajiet (IM tagħmel it-trejqa u PG jieħdu ħsieb tas-soft area). Il-Kunsill qabel li ma jsibx oġġezzjoni li jsir bi sħab bejn iż-żewġ entitajiet sakemm tinstab soluzzjoni għall-aċċessibbilità kif kien miftihem.

03.3.3 Is-Sindku informa li kienet inżammet laqgħa mal-Onor. Omar Farrugia, Segretarju Parlamentari għax-Xogħlijiet Pubbliċi fejn fost oħrajn, dan wera x-xewqa li jidħol għall-iffinanzjar tal-Proġett tal-Pjazza ta' San Oswald. Hawnhekk inġibdet l-attenzjoni wkoll lill-Onor. Farrugia dwar il-fatt li l-Kunsill ilu snin jitlob li din il-pjazzetta titniffed mal-ġnien li hemm fi Triq is-27 ta' April. L-Onorevoli SP kien talab lis-SE sabiex tgħaddilu d-dokumentazzjoni li għandha bħalissa u sadanittant tilħaq tipprova ssib informazzjoni dwar ownership ta' din il-biċċa art u kemm-il darba jkollna l-approvazzjonijiet neċessarji, jista' jara jekk il-proġett tat-tniffid isirx ukoll min-naħa tal-Ministeru. Min-naħa tal-Ministeru kienu wkoll qed joffru l-ammont ta' €75,000 lill-Kunsill biex isiru xi xogħlijiet fuq ħitan u bankini. Is-Sindku informa li l-iskema kienet teskludi ħitan tas-sejjiegħ u għaldaqstant ma setgħax jiġi

rrangat il-ħajt ta' Triq is-27 ta' April. Huma kienu ġibdulu l-attenzjoni wkoll li min-naħa tal-Ministeru kienu wegħdu lill-Kunsill li jirranġaw il-planters bejn l-ex barracks.

03.3.4 Is-Sindku informa li kienet se tinżamm laqgħa mal-Onorevoli Alicia Bugeja Said dwar il-possibbiltà li jsir dog park fl-Imtarfa. Is-Sindku ssuġġerixxa li jsir fi Triq is-27 ta' April minħabba li jinsab f'post ċentrali. Il-Kunsillier Fenech staqsa jekk hux ideali li jsir hemm minħabba l-fatt li jpoġġu ħafna għasafar tal-passa u anke minħabba li huwa viċin ir-residenti. Kien hemm qbil li nitolbu li ssir żjara fil-lokalità min-naħa tagħhom biex possibbilment huma jgħinu fl-identifikazzjoni tal-lok fejn jista' jsir dan id-dog park.

03.3.5 Is-Sindku informa li fil-laqgħa mal-Onor. Farrugia kienet issemmiet ukoll il-problema ta' Ġnien is-Sinjura, fejn hemm qasma li kienet qed tikber u li 'l quddiem tista' tkun ta' periklu. Is-SE infurmat li l-Perit, espert fil-ġeoloġija, kien informa li ħadd ma jista' jwaqqaf id-deterjorazzjoni għaliex hija parti min-natura imma kien importanti li tittieħed xi miżura biex il-passaġġ ikun sigur. Kien hemm qbil għaldaqstant li din il-problema tiġi mgħarrfa biha l-Awtorità tad-Djar minħabba li l-art hija tagħhom. Is-SE infurmat li temporanjament kien tpoġġa lqugħ biex wieħed ma jgħaddix minn din il-parti tal-passaġġ minħabba l-periklu.

03.3.6 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu attendew għal laqgħa mad-Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet Pubbliċi fejn dan kien informa li min-naħa tagħhom kienu jixtiequ li jagħmlu devoluzzjoni tal-ġnien lill-Kunsill. Minħabba li fadal numru ta' affarijiet x'jiġu rranġati, fosthom strutturi tal-logħob li ilhom nieqsa u li jiswew eluf ta' ewro, il-kunsill qabel li għalissa m'għandux jaċċetta li dan il-ġnien ikun devolut lilna. Min-naħa l-oħra se jkun lest li jerġa' jiddiskuti din il-proposta hekk kif il-ġnien ikun tlesta kompletament.

03.3.7 Is-Sindku informa li l-President Emeritus Coleiro Preca kienet qed tinkoraġġixxi lit-tfal biex jiffurmaw Kunsill tat-tfal. Darba fix-xahar kienet se tintuża s-sala tal-Kunsill għal dan il-għan u darba kull tlett xhur jiltaqgħu mal-Kunsill.

## 03.4 Kwistjoni mal-Koperattiva RECOOP

03.4.1 Hawnhekk, is-SE infurmat li l-Koperattiva Recoop kellha trodd lura s-somma ta' €7,542.88 għall-*Management Fee* lill-Kunsill hekk kif speċifikat fuq il-kuntratt iffirmat bejniethom. Hija infurmat li sal-ġurnata, għalkemm bagħtet kont, kif ukoll diversi *emails* u saħansitra ittra bl-avukat, dawn kienu għadhom m'għaddewx dawn il-flus lura.

03.4.2 Fuq il-parir tal-avukat għaldaqstant staqsiet lill-Kunsill jekk jaqbilx li niftħu każ lil din il-kumpanija quddiem il-Qorti. Il-Kunsill qabel nem con li mmexxu bil-Qorti għaliex wara kollox dawn huma flus pubbliċi u kienet qegħda ċara fuq il-kuntratt iffirmat li għandhom jintraddu lura lill-Kunsill Lokali.

## 03.5 Fissura fil-blat fuq wara tal-passaġġ ta' Ġnien is-Sinjura

03.5.1 Is-SE infurmat li l-fissura fuq wara tal-passaġġ ta' Ġnien is-Sinjura kienet qed tidher li qed tiggrava aktar. Hija kienet reġgħet kitbet lill-Perit Mifsud dwarha u dan kien issuġġerixxa li jsiru xi passaġġi ulterjuri u indipendenti minn dak preżenti. Hija infurmat li f'dak ir-rigward, diġà hemm passaġġ ieħor fuq in-naħa l-oħra tal-planter u għaldaqstant min ikun bil-mixi jista' jgħaddi xorta. Min-naħa l-oħra, waqt laqgħa mas-Segretarju Parlamentari kienet inġibdet ukoll l-attenzjoni dwar din il-materja pjuttost urġenti u min-naħa tiegħu dan

issuġġerixxa li l-Kunsill jgħaddi din l-informazzjoni lill-Ministeru responsabbli mill-Awtorità tad-Djar.

## 03.6 Laqgħa tal-Lokalità

03.6.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill huwa obbligat bil-liġi li jorganizza laqgħa għar-residenti fejn jiġi spjegat il-pjan ta' ħidma tal-Kunsill għall-ħames snin li ġejjin. Kien hemm qbil li għandha ssir laqgħa għar-residenti fix-xahar ta' Ottubru, possibbilment qabel il-laqgħa li jmiss. Id-data se tiġi deċiża waqt il-laqgħa ta' Settembru.

## 03.7 *Charging Points* fl-Imtarfa

03.7.1 Is-SE infurmat li kien hemm 4 *charging points* previsti li jitwaħħlu fil-viċin ġewwa l-lokalità. Għaldaqstant b'kollox issa kien se jkun hemm 5 postijiet, waħda li diġà hija preżenti fi Triq it-Torri tal-Arloġġ, u dawk ġodda fi Triq Sir Temi Zammit (parkeġġ), Triq Gregorio Carafa ma' Triq il-Ward, Triq l-Imtarfa (Viċin il-BCRS Machine) u Triq Alessi.

03.7.2 Is-Sindku talab għal rilokazzjoni ta' point fl-eks *married quarters* u din ma ġietx aċċettata.

## 03.8 Mdina Grand Prix 2024

03.8.1 Is-Sindku informa li kienet saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-Imdina Grand Prix. Il-Kunsillier Vella informa li kienu ntalbu donazzjoni ta' €5,000, li jkun hemm it-triq fuq *two way* minn fuq ta' Triq il-Kavallier Vincenzo Bonello sar-*roundabout* ta' Triq Buqana u li bejn is-Sibt u l-Ħadd tinfetaħ it-triq hekk kif tispiċċa t-tellieqa. Konna tlabna wkoll li possibbilment il-Ġimgħa l-għeluq jibda minn aktar tard, għall-10:00pm.

03.8.2 Min-naħa tiegħu, il-Kunsillier Vella kompla jgħid ukoll li l-organizzatur ġie infurmat li kemm-il darba ma jkunx hemm qbil mat-talbiet tal-Kunsill, il-Kunsill kien se joġġezzjona għall-attività.

03.8.3 Kien hemm qbil li s-SE għandha tgħaddi din l-informazzjoni kollha lill-organizzaturi bil-miktub sabiex jagħtu tweġiba formali sal-laqgħa li jmiss.

03.8.4 Sadanittant, it-Tnejn filgħodu kienet se tinżamm laqgħa mal-istakeholders kollha fir-rigward ta' din l-attività. Kien hemm qbil li l-membri tal-Kunsill għandhom iżommu l-pożizzjoni li ttieħdet waqt il-laqgħa.

## 03.9 Il-parti ta' wara tal-bosk

03.9.1 Is-Sindku informa li wara laqgħa li saret ma' Project Green, dawn kienu lesti li jestendu x-xogħol fuq il-bosk fuq il-parti ta' wara wkoll, sal-grada li tifred il-bosk mill-Aġenzija Sapport. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandha ssir talba lill-Awtorità tad-Djar biex din iż-żona tiġi estiża mal-bosk preżenti.

03.9.2 Is-SE se tieħu ħsieb li tagħmel kommunikazzjoni dwar dan.

## 03.10 Offerta għal Cameras mir-Reġjun Tramuntana

03.10.1 Is-Sindku informa li kien ġie mgħarraf mir-Reġjun Tramuntana li kienu se jgħaddu 3 cameras lill-Kunsilli Lokali. Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li f'April li għadda r-Reġjun kien informa li kien se jgħaddi 5 cameras u l-Kunsill kien ħa deċiżjoni biex dawn jitpoġġew mad-Drop Off point ta' Binja Santa Luċija, Drop Off point ġdida ta' Binja Buqana, Drop Off point wara Binja Qlejgħa, Drop Off point fi Triq il-Gladjoli u Triq it-Tulipani (triq l-imtarfa).

03.10.2 Min-naħa l-oħra, jidher li issa kienu se jillimitaw ruħhom għal 3 biss u għaldaqstant kien hemm bżonn li jiġu identifikati l-aktar 3 siti li jiġu abbużati. Kien hemm qbil li ssir talba għad-drop off point ta' Binja Buqana, ta' Binja Santa Lucija u ta' Binja Qlejgħa.

03.10.3 Hawnhekk il-Kunsillier Mifsud informa li fil-pjazzetta li hemm bejn Triq Sir Temi Zammit u Triq Tommy Agius Ferrante qed jitwaddbu l-boroż suwed fil-ħin u l-ġurnata l-ħażina. Is-SE infurmat li kienet se tieħu ħsieb li tibgħat ittra lir-residenti. Kien hemm qbil ukoll li l-Pulizija tal-Komunità jiġu mitluba jagħmlu spezzjonijiet qabel is-7am.

## 03.11 Rilokazzjoni tal-magna tal-BCRS

03.11.1 Is-Sindku informa li kellu talba biex il-magna tal-BCRS titmexxa madwar 15-il metru lejn l-Iskola minħabba l-ħsejjes. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandha tintalab li tiżdied magna oħra għaliex dik preżenti m'hijiex biżżejjed biex isservi għal-lokalità kollha. Kemm-il darba dawn jaċċettaw, għandna nitolbuhom biex dawn jitmexxew hekk kif talab is-Sindku. Kemm-il darba ma jaċċettawx li jagħmlu magna ġdida, għandu jibqa' kollox kif inhu.

## 03.12 Pjan ta' ħidma fuq toroq għal Infrastructure Malta

03.12.1 Is-Sindku informa li l-Kunsill preċedenti kien għadda numru ta' toroq li xtaq li jiġu rikostruwiti minn IM. Dawn kienu :

1. Ex-Married Quarters, Triq l-Imtarfa - lesta
2. Triq l-Imtarfa – il-parti d-dejqa
3. Parkeġġ fuq wara ta' Binja Qlejgħa - lest
4. Triq Sir Leslie Rundle – fil-proċess
5. Triq Sir David Bruce k/m Triq Sir Temi Zammit
6. Triq Gregorio Carafa

03.12.2 Is-Sindku ssuġġerixxa li fuq il-lista għandha titpoġġa Triq Ħażnet l-Ilma minħabba li hemm residenti li qed jispiċċaw jipparkjaw fuq il-bankini. Hawnhekk is-SE uriet pjan li għamel il-perit fejn prova jimmassimizza l-parkeġġ f'din iż-żona u li l-Kunsill dak iż-żmien kien irrealizza li se jkun qed jitlef aktar parkeġġi milli kif qegħda s-sitwazzjoni fil-preżent. Kien hemm qbil għaldaqstant li ladarba m'hemmx problemi għalissa se jibqa' kollox l-istess.

03.12.3 Fuq suġġeriment tas-Sindku sabiex jiċċekknu l-bankini faċċata ta' Binja Buqana, kien hemm qbil li l-Viċi Sindku għandu jipprova joħroġ bi proposta biex naraw kemm jidħlu aktar vetturi milli qed jipparkjaw preżentament.

03.12.4 Is-SE infurmat li fi Triq Antonio Ellul hemm *turning circle* li mhux suppost isir parkeġġ fiha iżda hemm biċċa żgħira fejn tista' tiġi rranġata biex tinkludi mqar parkeġġ wieħed. Din kienu jafu biha IM iżda sal-ġurnata kienu għadhom ma wieġbux dwarha. Kemm-il darba tibqa' ma tiġix irranġata, il-Kunsill kien se jikkunsidra li jdaħħalha bħala parti mill-pjan ta' ħidma ta' IM għas-snin li ġejjin.

03.12.5 Is-Sindku rrakkomanda li jitneħħew is-sleeping policemen li hawn fil-lokalità u b'mod speċjali dawk li hemm fil-housing estate il-ġdid. Hawnhekk kien hawn diskussjoni minħabba li deċiżjoni simili tista' tintlaqa' b'mod favorevoli minn uħud iżda kontra minn oħrajn. Għaldaqstant fuq suġġeriment tal-Kunsillier Fenech kien hemm qbil li tintagħżel triq triq u ssir konsultazzjoni mar-residenti u l-Kunsill jieħu in konsiderazzjoni x-xewqa tar-residenti meta jieħu deċiżjoni. Kien hemm qbil li l-ewwel triq magħżula għandha tkun Triq Sir David Bruce.

## 03.13 Stqarrija tal-Caravans

03.13.1 Is-SE infurmat li d-Diviżjoni tal-Kunsilli Lokali kienet avżat li ġie ppubblikat avviż legali għat-tqegħid temporanju ta' *caravans* u *campers*.

## 03.14 Riżoluzzjonijiet

03.14.1 1) Revokazzjoni tad-deċiżjoni dwar l-Imtarfa Drama Group

Ġiet preżentata riżoluzzjoni proposta mill-Kunsillier Mifsud u ssekondata mis-Sindku biex il-Kunsill jikkunsidra t-talbiet magħmula mill-Imtarfa Drama Group. Dan wara li l-Kunsill preċedenti kien talabhom biex jippreżentaw kopji tal-Minuti u l-Estimi Finanzjarji tal-aħħar żewġ AGMs li saru qabel ma jitħallew jagħmlu użu mill-kmamar tal-Kunsill. Din id-deċiżjoni kienet ittieħdet wara li l-Imtarfa Drama Group kienu tilfu ċ-ċwievet tal-kamra kif ukoll tal-grada li tagħti għall-binja u l-amministrazzjoni kellha tidħol fl-ispiża li tibdel is-sellaturi minħabba li din kienet binja pubblika.

Il-Kunsill qabel li tiġi revokata din id-deċiżjoni u se jitlob għal laqgħa magħhom qabel il-laqgħa li jmiss.

03.14.2 2) Fondi tar-Reġjun Tramuntana

Fuq riżoluzzjoni proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku kien hemm qbil li tiġi revokata d-deċiżjoni biex il-kumplament tal-fondi tar-reġjun jinqasmu kif ġej: €2000 għal irranġar tax-xelter; €2000 għal bnadar għall-arbli; €2,000 għal attività mal-entitajiet; €500 għall-overtime tal-ħaddiema u spejjeż oħra biex tiġi organizzata Military Walk mal-MTA; u €10,000 biex jinxtraw dekorazzjonijiet tal-Milied.

Il-Kunsill qabel mal-proposta.

Għall-mistoqsija tas-SE sabiex jiġi ċċarat jekk hux se tintagħżel entità għall-attività tal-Milied, kien hemm qbil li l-€2000 għandha tinqasam ma' kull min jixtieq jieħu sehem attiv. Is-Sindku se jieħu ħsieb li jlaqqa' lill-entitajiet.

03.14.3 3) Tibdil tal-istruttura tal-iskart ta' Binja San David

Fuq riżoluzzjoni proposta mis-Sindku u ssekondata mill-Viċi Sindku kien hemm qbil li tiġi rilokata l-istruttura tal-iskart ta' Binja San David għal fuq is-centre strip li qegħda aktar viċin tal-bandli.

Il-Kunsill qabel.

## 03.15 Punti Oħra

03.15.1 Is-Sindku informa li kellu talba biex jiġu mmarkati sinjali mal-art fi Triq Dar il-Kaptan. Kien hemm qbil li għalkemm fil-preżent fil-punt imsemmi qed isir parkeġġ, kemm-il darba ssir talba formali lil TM, dawn ma kinux se jiġu approvati.

03.15.2 Is-Sindku wassal talba għal double yellow lines fi Triq ta' Paroli. Is-SE infurmat li jidhirlha li diġà kien hemm talba simili fil-bidu tas-sena u li dawn ma ġewx approvati minn TM. Kien hemm qbil li għandha tivverifika.

03.15.3 Is-Sindku wassal talba biex jitwaħħlu bollards fuq jew taħt il-bankina fi Triq Antoine Debono. Is-SE ġibdet l-attenzjoni li dawn mhux permessibbli minn TM sakemm il-bankina ma tkunx wiesa' aktar minn 1.2m sabiex jitħalla aċċessibbilità għal persuna b'wheelchair jew push-chair. Min-naħa l-oħra ssuġġeriet li ssir talba għal *double yellow lines* quddiem id-dar il-ġdida u faċċata tal-persuna li talbet il-*bollards*.

03.15.4 Is-Sindku informa li kellu talba biex issir bollard fid-daħla tal-garaxxijiet ta' Binja Buqana. Din it-talba ġiet irrifjutata minħabba li din id-daħla mhijiex fuq art pubblika. Is-Sindku ġie mitlub jinforma lir-resident li għamillu t-talba biex jagħmel kuntatt mal-amministratur tal-blokka.

03.15.5 Is-SE infurmat li l-Perit tal-Pjazza kien reġa' talabha tikkonferma x'jixtieq il-Kunsill bħala statwa fil-pjazza, eżattament quddiem it-Tokki. Hija infurmat li l-Kunsill preċedenti kien qabel li din l-istatwa għandha tissimbolizza lil Santa Luċija iżda tkun fuq stil modern, simili tar-ritratt użat fuq il-billboard. Il-Kunsill qabel mad-deċiżjoni tal-Kunsill preċedenti.

03.15.6 Is-SE infurmat li kienet irċeviet kommunikazzjoni mingħand l-Awtorità tad-Djar (HA ) dwar biċċa art ħdejn il-proprjetà tal-Knisja imma li hija proprjetà tal-HA u li ġiet mitluba mill-Knisja sabiex titkabbar is-sala biex tintuża meta jkun qed isir ix-xogħol fuq il-parkeġġ li jixtiequ jibnu minflok il-parkeġġ eżistenti. Sadanittant is-SE infurmat li kellha korrispondenza mingħand il-Perit tal-Kunsill fejn dan kien ġibdilha l-attenzjoni li l-*outline application* tal-parkeġġ u l-knisja l-ġdida kienet saritilhom rakkomandazzjoni għall-approvazzjoni mill-PA. Dan kien ifisser li meta l-Knisja titfa' l-applikazzjoni, din kienet se tiġi approvata.

03.15.7 Il-Kunsill iddiskuta t-talba li waslet mingħand l-HA u minħabba li issa l-proġett tal-pjazza kien wasal fi stadju avvanzat, u kemm-il darba jkun hemm konferma kien ifisser li se jerġa' jinqala' x-xogħol kollu li sar, kien hemm qbil li din ma tiġix aċċettata.

03.15.8 Is-SE infurmat li kienet ġiet infurmata li ġara inċident fi Triq Tommy Agius Ferrante fejn resident kien qed jitlob €250 għall-ħsara li ġarra. Is-SE infurmat li kienet kitbet lill-Avukat għall-parir. Il-Kunsill qabel li timxi fuq il-parir legali tiegħu.

03.15.9 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li rappreżentant tal-kumpanija li tikri s-servizz tas-CCTVs madwar il-lokalità kien għamel kuntatt magħha minħabba li kienu qed jissuġġerixxu li jibdlu l-cameras għal oħrajn ġodda jew inkella jwaqqfu s-servizz. Kien hemm qbil li s-SE għandha tibda ġġib xi kwotazzjonijiet oħra.

03.15.10 Il-Kunsillier Fenech staqsa jekk jistax isir xi tip ta' dawl mal-gazebo ta' Ġnien is-Sinjura minħabba li għalkemm hemm id-dawl mal-passaġġ kollu, dik il-parti kienet pjuttost mudlama. Is-SE kienet se tieħu ħsieb tkellem lill-kuntrattur għal xi ideat.

03.15.11 Il-Kunsillier Fenech semma' li l-eks Sindku, Kyle Mifsud, kien għaddej b'kommunikazzjonijiet mal-Korporazzjoni Enemalta fir-rigward tad-dawl tat-toroq għall-isqaq u l-belvedere li hemm fuq wara ta' Triq Gregorio Carafa. Huwa staqsa jekk kinitx saret follow up dwar din il-kwistjoni. Is-Sindku informa li kien se jkellem lis-Sur Mifsud biex jagħtih aktar dettalji.

03.15.12 Il-Kunsillier Fenech semma' wkoll li l-eks Sindku kien għamel kommunikazzjoni li kien għamel talba mal-Gvern Ċentrali biex il-pjazzetta fuq wara ta' Triq Theuma Castelletti tiġi mdawwla b'dawl li jaħdem b'sistema solari. Huwa staqsa fiex wasal dan il-proġett. Is-SE infurmat li riċentament kienet irċeviet kommunikazzjoni fejn ġiet infurmata li dan il-proġett kien intlaqa' u kienu bdew il-proċess li jwassal għal din l-installazzjoni.

03.15.13 Hawnhekk saret diskussjoni dwar in-nuqqas ta' dawl fit-tarfa ta' Triq Dar il-Kaptan. Is-SE infurmat li l-problema żviluppat snin ilu minħabba ħruq li kien hemm fuq l-iskips fejn kienet inħarqet is-sistema tad-dawl f'dik iż-żona. Kien hemm qbil li għandha tinġab kwotazzjoni ġdida biex tinxtegħel din iż-żona.

03.15.14 Hawnhekk il-Kunsillier Vella skuża ruħu mil-laqgħa. Il-ħin kien id-9pm.

03.15.15 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li l-laqgħa kienet laħqet il-massimu tat-tliet sigħat. Kien hemm qbil li l-Kunsilliera jitħallew jagħmlu xi mistoqsijiet qabel tagħlaq il-laqgħa.

03.15.16 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Mifsud dwar nuqqas ta' dawl fil-parkeġġ tal-Binja Santa Luċija, is-Sindku informa li skont il-Perit tal-Pjazza, kienu se jsiru floodlights żgħar li se jilluminaw ukoll din il-pjazzetta.

03.15.17 Il-Kunsillier Mifsud ġibed l-attenzjoni li kellu tgergir min-naħa ta' numru ta' residenti li joqogħdu f'Binja Msieraħ fir-rigward tal-konkos li sar minflok il-madum.

03.15.18 Il-Viċi Sindku ġibed l-attenzjoni li l-Imtarfa Drama Group kienu qed jitolbu s-sapport tal-Kunsill fit-talba tagħhom biex jikru xi kmamar oħra mingħand l-Awtorità tad-Djar. Kien hemm qbil li bħala Kunsill m'għandux oġġezzjoni għalkemm m'għandu ebda kontroll fuq is-sitwazzjoni.

03.15.19 Il-Viċi Sindku informa wkoll li kellu talba biex tibda tintuża sala oħra waqt il-ħin tal-librerija pubblika minħabba li kien qed ikun hemm ħafna ġenituri u tfal għas-sessjonijiet tal-qari. Is-SE infurmat li kienet kellmitha l-librara u kienet qed tintuża l-kamra tal-kompjuters.

## 03.16 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

03.16.1 Il-Kunsill approva l-lista tal-pagamenti (Skeda Nru. 03/2024), kopja tagħha mehmuża. Il-Kunsillier Mifsud propona l-approvazzjoni filwaqt li l-Kunsillier Fenech issekonda u għaldaqstant il-lista tal-pagamenti ġiet iffimata mis-Sindku u mis-SE.

## 03.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

03.17.1 Il-laqgħa ntemmet fid-9:20pm u kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tinżamm nhar it-Tnejn 16 ta' Settembru 2024.

**IFFIRMATA**
Dale Hayman
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv